MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2009

Numru. 773/2007

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
Joseph Camilleri, iben Emanuel, imwieled il-Ħamrun fit-23 ta’ Mejju, 1968

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli matul il-lejl ta’ bejn is-7 ta’ Settembru, 2007 u it-8 ta’ Settembru, 2007 ġewwa l-Ħamrun volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe’ għamel ħsara fil-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni GAT 319, tal-marka Toyota Corsa ta’ kulur silver, għad-dannu ta’ Joseph Camilleri, liema ħsara hi ta’ aktar minn Lm500.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' l-imsemmi Joseph Camilleri u il-familja tiegħu, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u tagħmel Ordni ta' Protezzjoni taħt dawk il-kawteli li jidrilha xierqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi l-ħsara li għamel l-imputat tlaħħaq is-somma ta'€1,817.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2009 fejn il-parte civile tħallset dak kollu dovut u ma għandha aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi, mhemm xlok għall-applikazzjoni ta' Ordni ta' Protezzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------